25 ta' Marzu, 1987

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Josephine armla ta' Vincent Calleja *pro et noe et*

*versus*

Norman Rossignaud *et*

**Digriet Kamerali – Digriet Interlokutorju – Appell Minnhom**

*Il-proċedura għall-impunjazzjoni ta' digriet kamerali m'hix b'rikors lill-Qorti ta' l-appell. Mill-banda l-oħra mar-rikors ta' l-appell minn digriet interlokutorju trid issir kontestwalment il-malleverija rikjesta mil-liġi. Fin-nuqqas ir-rikors ta' l-appell huwa irritu u null.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors tal-konvenut Norman Rossignaud ta' l-10 ta' Marzu, 1986, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tiegħu l-konvenut imsemmi talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex jipproduċi x-xhieda fl-istess rikors indikati;

Rat ir-risposta ta' l-atturi li opponew ruħhom għal din it-talba;

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta' April,

1986, li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba kontenuta fl-imsemmi rikors;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi konvenut ta' l-4 ta' April, 1986, li permezz tiegħu l-istess konvenut appella minn dak id-digriet u talab lil din il-Qorti tirrevoka, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta ta' l-atturi appellanti li ssottomettew li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni, kompriż il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu, 1987, minn fejn jidher li għalkemm kif jirriżulta mill-verbal preċedenti l-appell kien tħalla għal dik is-seduta fuq talba ta' l-appellant biex ikun jista' jirregola ruħu, f'dik is-seduta tas-16 ta' Marzu, 1987, la deher l-appellant u l-anqas id-Difensur tiegħu;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher minn eżami ta' l-atti proċesswali, dan huwa appell ta' spedizzjoni faċili. Infatti, jekk id-digriet tat-2 ta' April, 1986, li sar l-appell minnu, huwa digriet kamerali (u fil-fatt jidher li dan id-digriet ma setax ġie ppronunzjat mill-Ewwel Qorti fl-udjenza peress li fit-2 ta' April, 1986, ma kienx hemm seduta tal-kawża), l-appell preżenti huwa irritu u null billi kif jinsab stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna l-proċeduri għall-impunjazzjoni ta' din ix-xorta ta' digrieti m'hijiex b'rikors lil din il-Qorti (ara fost oħrajn, 'Borg *vs* Chetcuti *et noe*', 8 ta' Frar, 1946, Vol. XXXII.I.340);

Mill-banda l-oħra, jekk id-digriet appellat huwa digriet

*interlokutorju*, l-*appell relattiv* huwa wkoll irritu u null *stante* li, kif ġie ripetutament deċiż minn din il-Qorti, anke kif preżentement kostitwita, mar-rikors ta' l-appell ma saritx kontestwalment il-malleverija rikjesta mil-liġi ('Magri *vs* Micallef, 8 ta' Marzu, 1957, Vol. XLI.I.137; u 'Bennetti *untrinque*', Appell Ċivili, 30 ta' Settembru, 1983);

Għal dawn ir-raġunijiet, għalhekk:

Tiddikjara u tiddeċidi illi l-appell magħmul mill-imsemmi konvenut Norman Rossignaud mid-digriet imsemmi tat-2 ta' April, 1986,,huwa null u bla ebda effett legali, bl-ispejjeż relattivi kontra l-istess appellant, u tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.